**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

Deċiżjoni Preliminari Numru 2363
Każ Numru 3210/KBC
Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn:

John Dougall (ID 570452M)
u
GO Plc (C 22334)

dwar allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju

Chairperson: Dr Katrina Borg-Cardona

Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2015

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-21 ta' Frar, 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara u jiddieċiedi li s-soċjetà ntimata hija obbligata li tirrikonoxxi lir-rikorrent bħala li għandu dritt għall-pensjoni u konsegwentement jordna lis-soċjetà ntimata sabiex timplimenta skema ta' pensjoni fir-rigward tiegħu, liema skema jkollha bħala l-qafas tagħha dik stabbilita fl-Ordinanza tal-Pensjonijiet b'effett minn meta l-esponenti għalaq l-età ta' 60 sena kompriż id-dritt tal-commutation ta' kwart tal-pensjoni kif stabbilit fl-istess Ordinanza.

Ra r-risposta tal-kumpanija ntimata li permezz tagħha tat eċċezzjoni ta' *res judicata* b'effett ta' sentenza fl-ismijiet *Carmelo Dalli et vs GO Plc* (rikors ġuramentat numru 447/2010AE) deċiża fit-3 t'Ottubru, 2013, oltre eċċezzjonijiet oħra fil-mertu.

Ra l-lista tax-xhieda tas-soċjetà ntimata;

Ra li fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2014, il-partijiet ittrattaw l-eċċezzjoni preliminari ta' *res judicata* u għalhekk it-Tribunal ħalla l-każ għad-deċiżjoni preliminari;

**Ikkunsidra:-**

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru, 1934, fil-kawza *Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et,* il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :-

> *"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'."*

Bl-eċċezzjoni tagħha s-soċjetà ntimata ssostni li l-mertu tal-proċeduri odjerni huwa identiku għal dak ġjà deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara l-kawża fl-ismijiet Carmelo Dalli et vs GO Plc (rikors ġuramentat numru 447/2010AE). Illi fl-imsemmija proċeduri l-atturi, fosthom ir-rikorrent, wara li ppremettew sostanzjalment l-istess fatti li r-rikorrent premetta fir-rikors tiegħu tal-20 ta' Frar, 2014, kienu talbu lill-Qorti:

> *"1. Tiddikjara illi s-socjetà ntimata Go Plc ghandha timplimenta l-ftehim hawn fuq msemmi anke fil-konfront tar-rikorrent, bl-istess mod u bl-istess kejl kif qed taghmel mall-haddiema l-ohra mpjegati ma' dak iz-zmien Korporazzjoni TeleMalta qabel is-sena 1979, hekk kif inhuma l-esponenti, f'kull kaz a bazi tal-paga u z-zmien ta' servizz rispettiv ghal kull rikorrent.*
> *2. Tillikwida, jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominandi, kull somma li tista` hija spettanti lir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba.*
> *3. Tikkundanna lis-socjetà ntimata, sabiex thallas lir- rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni talba."*

F'dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob li dan it-Tribunal jiddikjara u jiddieċiedi li s-soċjetà ntimata hija obbligata li tirrikonoxxih bħala li għandu dritt għall-pensjoni u konsegwentement jordna lis-soċjetà ntimata sabiex timplimenta

skema ta' pensjoni fir-rigward tiegħu, liema skema jkollha bħala l-qafas tagħha dik stabbilita fl-Ordinanza tal-Pensjonijiet b'effett minn meta l-esponenti għalaq l-età ta' 60 sena kompriż id-dritt tal-commutation ta' kwart tal-pensjoni kif stabbilit fl-istess Ordinanza.

Illi oltre t-talba nnifisha, l-premessi tar-rikors odjern jagħmlu referenza ampja għal allegat trattament differenti ta' ħaddiema li jagħmlu l-istess xogħol (para 7), u li d-drittijiet vantati huma rikonoxxuti fl-art. 27 tal-Kap. 452 (para 9). Jirriżulta minn qari tas-sentenza tal-Prim' Awla li l-atturi kienu allegaw trattament diskriminatorju u l-Qorti iddeterminat li tali allegazzjoni mhix leġittima. Il-Qorti kienet ukoll għamlet analiżi tal-art. 27 tal-Kap. 452 biex finalment, wara dik il-konsiderazzjoni u konsiderazzjonijiet oħra, waslet biex ċaħdet it-talbiet tal-atturi, inkluż tar-rikorrent.

It-Tribunal iqis li huma tlieta l-elementi ta' res judicata:

i) "eadem res" ;
ii) "eadem causa petendi" ; u
iii) "eadem personae".

Ir-rekwizit "eadem res" kien trattat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (PA/RCP) tad-9 ta` Jannar, 2002, fil-kawza *Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd*. Hemm inghad illi dan l-element jirrigwarda l-fatt li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida jkun identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-fatt li sentenza ssir gudikat ma jimpedixxix li tigi proposta talba gdida, dment li dik it-talba tkun intiza sabiex tottjeni xi haga differenti minn dak li kien intalab fil-procediment precedenti li kien deciz b`mod definittiv.

Mit-tifsira li taghti d-dottrina dwar kif ghandha tigi determinata l-identità tal-oġġett jidher illi l-ahjar mod huwa illi l-ġudikant jezamina jekk il-kwistjoni sollevata fil-procediment il-gdid kenitx deciza jew le fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Wiehed ikun irid jara jekk il-kwistjoni sollevata fit-talbiet il-godda kenitx determinata fis-sentenza l-ohra jew jekk inkella baqghet irrisolta. Jekk jirrizulta li l-kwistjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identità tal-oġġett. Illi però fis-sentenza fl-

ismijiet *Cassar Airconditioning Systems Ltd vs Norman Zammit*, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *"per riconoscere il vero portata di una sentenza, occorre indagare quale fosse stata la questione sulla quale il giudice fu chiamato a pronunciarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato"*

L-istess haga ntqal fis-sentenza *Salvatore Debono vs Ernest Royston Matthew et nomine*, Appell Civili, 24 t'Ottubru, 1966, u, cjoe, li "d-dispositiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi".

Fis-sentenza fl-ismijiet *Joseph Camilleri vs Lilian Mallia*, il-Qorti tal-Appell qalet illi:

> *"Jista' jigri li decizjoni ma tkunx intierament fil-parti dizpozittiva tas-sentenza izda anke fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja mad-dipozittiv u allura dik il-parti tifforma parti mid-dispozittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat."*

Huwa sostnut bil-ġurisprudenza l-punt li hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kaz, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (ara: Qorti tal-Appell Kummercjali : "Dr Jose` Herrera noe vs Anthony Cassar et noe" – 5 ta` Ottubru 1992 – Kollez Vol XXX.I.131).

Illi meqjus il-premess, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-punt kontrovers huwa tassew l-istess, u li tali punt ġa ġie meqjus u determinat bis-sentenza fl-ismijiet *Carmelo Dalli et vs GO Plc* (rikors ġuramentat numru 447/2010AE) deċiża fit-3 t'Ottubru, 2013, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Ir-rekwizit "eadem causa petendi" jirrikjedi li l-causa fit-talba l-gdida tkun l-istess bhat-talba li tkun digà giet deciza b`mod definittiv. Il-causa petendi hija t-titolu li fuq it-talba tkun ibbazata, u cioe` l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz ikun ibbazat. Sabiex tirrizulta l-"eadem causa petendi", irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba li tkun giet determinata bis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi l-Prof. Caruana Galizia f`"Notes on Civil Law" (Pt. IV, p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioè, l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni tal-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, u li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-fatt ġuridiku komuni bejn iż-żewġ proċeduri in diżamina huwa l-allegat trattament differenti/diskriminatorju u wkoll l-invokazzjoni tal-prinċipju ta' ħlas ugwali għal xogħol ta' valur ugwali. It-Tribunal huwa konfortat minn dak li nghad fis-sentenza tal-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet *Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et* (PA/JRM), fis-sens li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha tkun il-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie dibattut u trattat mill-parti li kellha interess. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Huwa paċifiku finalment li r-rikorrent odjern kien wieħed mill-atturi fil-kawża *de quo* u huwa għalhekk soddisfatt l-element *eadem personae* biex it-tlett elementi tal-eċċezzjoni tar-*res judicata* jinsabu sostnuti b'mod kumulattiv.

Jirrizulta li s-sentenza pronunzjata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili għaddiet in gudikat wara li minnha ma kienx hemm appell. Ladarba dik is-sentenza ghaddiet in gudikat, mhuwiex lecitu li r-rikorrent, f`tentattiv sabiex ixejjen id-decizjoni precedenti, jerga' jipproponi bir-rikors tiegħu quddiem dan it-Tribunal kwistjonijiet li kienu digà ġew trattati u decizi fis-sentenza ta' qabel. Daqstant iehor mhuwiex lecitu li r-rikorrent jittenta jgib 'il quddiem ragunijiet, argumenti jew provi li kien jaf bihom fil-kors tal-process l-iehor. Il-gudikat tal-kawza l-ohra jorbot lir-rikorrent ghar-rigward tal-pretensjonijiet li ttenta jressaq bil-proċeduri quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal

huwa konvint bil-fondatezza tal-ewwel eccezzjoni u ladarba dik hija l-fehma tat-Tribunal, ma hemmx lok li jqis it-talbiet tar-rikorrent u l-eccezzjonijiet l-ohra.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà ntimata, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra u jillibera lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.**

Għall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**